**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 13 ta' Lulju 2023**

**Rikors Nru. 658/2022 GM**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Raymond u Doreen miżżewġn Borg (K.I. numri 330668 (M) u 171971 (M))**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' ta' Bank of Valletta p.l.c. ("Il-Bank") li permezz tiegħu wara li ppremetta illi :

1. Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fi tmien kuntratti, wieħed minnhom magħmul fl-atti tan-Nutar Dottor John Patrick Hayman datat 22 ta' Marzu 1999 (Dok. "A"), sitta l-oħra magħmula fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Gafa` datati 31 ta' Ottubru 2001 (Dok. "B"), 12 ta' Frar 2004 (Dok. "C"), 12 ta' Mejju 2005 (Dok. "D"), 13 ta' April 2006 (Dok. "E"), 24 ta' Ottubru 2008 (Dok. "F") u 26 ta' Awwissu 2009 (Dok. 'G'), u ieħor magħmul fl-atti tan-Nutar Dottor Robert Micallef datat 11 ta' Frar 2011 (Dok. "P"), is-soċjetà attriċi kkonċediet faċilita' bankarja lill-konvenuti Raymond u Doreen miżżewġin Borg.

2. Is-soċjetà attriċi tinsab kreditriċi tal-konvenuti Raymond u Doreen miżżewġin Borg fis-somma ta' mitejn elf, mitejn u wieħed u tletin ewro u sebgħa u sittin

ċenteżmu (€200,231.67) bilanċ għad-debitu fil-"*Home Loans, Business Loans u Overdraft Accounts*" ta' Raymond u Doreen miżżewġin Borg (Dok. "H1 sa H8", Dok. "I1 sa I4", Dok. "J1 sa J15", Dok. "K1 sa K17", Dok. "L1 sa L14", Dok. "M1 sa M11" u Dok. "N1 sa N7"), flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri mid-29 ta' April 2022 sal-jum tal-pagament effettiv;

3. Seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn eżibiti bħala Dokument "A", "B", "C", "D", "E", "F", "G" u "P"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Raymond u Doreen miżżewġin Borg:

(a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Raymond u Doreen miżżewġin Borg li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.

4. L-attriċi nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Il-konvenuti Raymond u Doreen miżżewġin Borg ġew interpellati permezz ta' ittra uffiċjali datata 31 ta' Mejju 2021, li kopja tagħha qed tiġi hawn eżibita u immarkata Dok 'O' sabiex jitħallas id-dejn fuq imsemmi, iżda huma baqgħu inadampjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża.

Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntatti fuq imsemmija (u hawn eżibiti bħala Dokument"A", "B", "C", "D", "E", "F", "G" u "P"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Raymond u Doreen miżżewġin Borg (a) naqsu milli jħallsu il-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Raymond u Doreen miżżewġin Borg li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi, u

2. Tikkundanna lil Raymond u Doreen miżżewġin Borg iħallsu flimkien u *in solidum* bejniethom lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mitejn elf, mitejn u wieħed u tletin ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€200,231.67) bilanċ għad-debitu fil-"*Home Loans, Business Loans u Overdraft Accounts*" ta' Raymond u Doreen miżżewġin Borg (Dok. "H1 sa H8", Dok. "I1 sa I4", Dok. "J1 sa J15", Dok. "K1 sa K17", Dok. "L1 sa L14", Dok. "M1 sa M11" u Dok. "N1 sa N7"), flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri mid-29 ta' April 2022 sal-jum tal-pagament effettiv;

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' Borg Raymond u Borg Doreen li permezz tagħha eċċepew illi :

1. Qabel xejn irid jiġi ppurvat mis-soċjeta' attriċi li seħħet waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti. Fil-fatt ma hu veru xejn li l-intimati naqsu li jagħmlu l-pagamenti dovuti, jew li kienu inadempjenti f'obbligi tagħhom jew li kien hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tagħhom;

2. Irid jiġi ppruvat ukoll ir-rata ta' imgħax li kienet applikabbli għal tali sommom fid-diversi perjodi tar-relazzjoni bankarja bejn il-partijiet;

3. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, in vista' tal-artikolu 986(3), 1139. 1142, 1850 sal 1853 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, it-talbiet attriċi jinkludu somom sostanzjali ta' imgħax in eċċess mil-limitu massimu mpost mil-liġi, kif ukoll imgħax kompost u charges mhux dovuti li ġew miżjuda mal-obbligazzjonijiet prinċipali b'qerq tad-dispożizzjonjiet relattivi għall-anatoċiżmu u l-użura latenti u li għaldaqstant għandhom jinqatgħu mill-kapital, flimkien mal-imgħax kompost li reġa' ġie miżjud fuqhom, ai termini tal-artikolu 185(2) tal-Kap 16;

4. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti ma jaqblux li huma debituri tas-soċjeta' fl-ammont mitlub kif jista' jiġi ppruvat fil-mori tal-proċeduri u hemm lok fost affarijiet ohra fejn is-soċjeta' attriċi aġixxiet intempestivament għall-irkupru ta' sommom avvanzanti mis-soċjeta' attriċi;

5. Bla preġudizzju wkoll, l-esponenti riedu jħallsu kull pendenza li kien hemm pero' s-soċjeta' attriċi ppreferiet li tirrifjuta pagament ta' tmient elef ewro (€8000) u timxi bil-kawża;

Rat li wara li l-attur ressaq il-provi tiegħu kollha, il-konvenuti ppreżentaw nota li permezz tagħha ammettew it-talbiet tal-Bank.

Ikkunsidrata l-ammissjoni, l-Qorti:

1. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntatti fuq imsemmija (u hawn eżibiti bħala Dokument"A", "B", "C", "D", "E", "F", "G" u "P"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Raymond u Doreen miżżewġin Borg (a) naqsu milli jħallsu il-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, (b)

kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Raymond u Doreen miżżewġin Borg li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi, u

2. Tilqa' t-tieni talba billi tikkundanna lil Raymond u Doreen miżżewġin Borg iħallsu flimkien u *in solidum* bejniethom lill-Bank is-somma ta' mitejn elf, mitejn u wieħed u tletin ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€200,231.67) bilanċ għad-debitu fil-*Home Loans, Business Loans u Overdraft Accounts* tagħhom (Dok. "H1 sa H8", Dok. "I1 sa I4", Dok. "J1 sa J15", Dok. "K1 sa K17", Dok. "L1 sa L14", Dok. "M1 sa M11" u Dok. "N1 sa N7"), flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri mid-29 ta' April 2022 sal-jum tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-31 ta' Mejju 2021 a kariku tal-konvenuti.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA